MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 732/2001/1

**Elmo Insurance Agency Limited,**
**in rapprezentanza tas-socjeta' estera**
**Royal & Sun Alliance Insurance plc,**
**surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha**
**Giovanna Borg u l-istess Giovanna Borg**

**vs**

**Alan Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fl-10 ta' Awissu 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma komplessiva ta' elfejn tliet mija tmienja u tletin lira (Lm2338) [Lm2313 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm25 lill-attrici Giovanna Borg] in linea ta' danni kkangunati mill-konvenut u sborsati mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Naxxar fid-9 ta' Marzu 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Numru LAE 983 habat mal-vettura numru

BBI 714 proprjeta' ta' l-attrici Giovanna Borg li kienet wieqfa – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-21 ta' Mejju,2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-esponent kien miexi fi triqtu waqt li l-karozza CDA 618, misjuqa minn Francois Dubois, irriversjat minn naha tal-lemin tat-triq ghal fuq il-karreggjata tax-xellug waqt li kien tiela l-esponent isuq karozza numru LAE 983, li kellu jaghmel manuvra evasiva u dahal fil-karozza tal-assigurat tal-attur li kienet ipparkjata.

L-esponent jitlob il-kjamat fil-kawza tal-istess Francois Dubois billi t-tort huwa unikament tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fid-9 ta' Marzu, 2001 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofs-in-nhar, il-konvenut kien qed isuq il-karozza LAE 983 go Triq San Pawl, San Pawl tat-Targa. Hin minnhom jara karozza tirriversja li tirrizulta li kienet misjuqa minn Francois Dubois ta' nazzjonalita' Franciza mill-lemin tat-triq ghax-xellug. Il-konvenut ipprova jghaddi bejn din il-karozza li kienet qed tirriversja u x-xellug tat-triq, izda dak il-hin kienet tiela' karozza ohra b'velocita' qawwija mid-direzzjoni opposta u ghalhekk kellu jaghfas aktar lejn ix-xellug biex b'hekk baqa' diehel fuq karozza ohra li kienet ipparkjata mal-hajt BBI 714 proprjeta' ta'

Giovanna Borg l-assikurata tas-socjeta’ attrici. Borg ghamlet *claim* mas-socjeta’ attrici illi wara li giet ipprocessata, kkompensawha ghad-danni li sofriet. Is-socjeta’ attrici u l-istess Giovanna Borg issa qeghdin iduru fuq il-konvenut ghad-danni li huma sofrew.

Minnahha l-ohra, l-konvenut qieghed ighid illi huwa gie nfaccat b’emergenza subataneja u ghalhekk ma kellhux triq ohra hlief li jibqa’ diehed fuq il-karozza ta’ Giovanna Borg. Ma kienx it-tort tieghu li sab ruhu nfaccat b’din l-emergenza u ghalhekk kellu jigi ezonerat minn kull responsabbilta’.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat sew l-atti ta’ dan il-process u jidhrilha illi l-iskizz preparat mis-surgent li nvestiga dan il-kaz, ghandu fattur kontributorju qawwi ghad-decizzjoni tar-responsabbilta’. Dan l-iskizz li kopja tieghu tinsab esebita a fol 21 juri diversi *brake marks* gejjin mill-vettura misjuqa mill-konvenut u skond is-surgent Magro, dawna huma maqtughin b’spazju ta’ zewg metri bejn *brake mark* u ohra. Meta l-Qorti tkejjel dawn il-*brake marks* bl-ispazju li kien hemm bejniethom, issib distanza ta’ hamsa u hamsin punt hamsa metri (55.5m). Jekk din id-distanza tigi msarrfa b’velocita’, tfisser disghin kilometru fis-siegha (90k.f.s.). Il-Qorti tqis pero’, illi l-konvenut kien qed isuq ghan-nizla, fejn allura anki b’velocita’ aktar ridotta tista wkoll tipproduci din id-distanza ta’ *brake marks*. Il-Qorti mhijiex qieghda tghid illi l-konvenut kien qed isuq aktar milli dak stabbilit mill-Ligi ghal dawk l-inhawi. Dan ma rrizultax mill-atti, minhabba l-fattur fuq indikat, pero’ zgur illi f’dawn ic-cirkostanzi l-konvenut kien qed isuq b’mod imprudenti, b’tali mod illi pogga lilu nniffsu f’sitwazzjoni li ma jistax jirreagixxi ghal kull eventwalita’ li tista tinholoq. Filwaqt li ma rrizultax li l-konvenut kien *over speeding* pero’, zgur ma jistax jinghad li l-velocita’ tieghu kienet wahda prudenti. Il-prudenza ma kienetx tissarraf f’brakemarks dak it-tul, anke ghan-nizla u ghalhekk hemm element ta’ traskuragni da parti tal-konvenut illi wera ruhu li mhux kapaci jaddetta s-sewqan tieghu ghal kondizzjonijiet u cirkostanzi tat-triq.

Skond Giovanna Borg, wara l-incident il-konvenut stqarr maghha illi meta ra l-karozza tirriversja, nhasad u baqa' diehel fuq il-karozza taghha. Dana jista' jkun ukoll u jinkwadra fid-dinamika ta' l-incident illi juri mhux biss imprudenza da parti tal-konvenut, izda wkoll nuqqas ta' *proper look out*. Dan abbinat ma' velocita' pjuttost elevata, jista' jwassal ghal nuqqas ta' koncentrazzjoni li jsarraf f'incident b'danni konsegwenzjali.

F'kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Gunju 1997 fl-ismijiet *Carmelo Saliba vs Gennaro Vassallo* l-Qorti kienet qalet li l-fatt li sewwieq qieghed juza triq ewlenija, ma jintitolahx li jqieghed lilu nniffsu f'sitwazzjoni skabruza jew difficli biex jirreagixxi ghal emergenza li tinholoq. Bis-sewqan mhux prudenti tieghu l-konvenut pogga ruhu f'sitwazzjoni skabruza u difficli u ghalhekk ma setghax jirreagixxi ghall-emergenza illi svolgiet quddiemu, liema emergenza seta' facilment jevita' illi kieku kien qed isuq aktar prudenti u kien qed izomm *a proper look out*. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom fi grad li trid il-Ligi u l-konvenut ghandu jwiegeb ghat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fid-9 ta' Marzu 2001, meta kien qed isuq il-vettura LAE 983 go Triq San Pawl, San Pawl tat-Targa, u habat mal-vettura BBI 714 proprjeta' ta' l-attrici Giovanna Borg u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' elfejn tliet mija tmienja u tletin lira Maltin (Lm2338) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------